**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 23 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 57/2018 AF**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**u**

**L-Kummissarju tal-Pulizija**

**u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2018, gew awtorizzati jintervjenu fil-procedura Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alfred Degiorgio, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz tad-**Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE** ("**Id-Direttiva 2006/24**" maghrufa bhala "*Data Retention Directive*") gew armonizzati d-dispozizzjonijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea relatati maz-zamma, mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, ta' data ggenerata jew ipprocessata minn dawn il-fornituri bil-ghan li tiggarantixxi d-disponibbilità ta' din id-data ghall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' ricerka, ta' identifikazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati.

Dina d-**Direttiva 2006/24** imponiet, *inter alia*, obbligu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni li jzommu data tal-*users* tas-servizzi taghhom li tigi ggenerata jew ipprocessata minn dawn il-fornituri ghall-finijiet li jaghmlu lil din id-data accessibbli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ("*data retention obligation*").

Dina d-Direttiva kellha tigi trasposta fil-ligijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u f'Malta dan sehh permezz tal-**Avviz Legali 198 tal-2008 – Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici** – maghmula bis-setghat moghtija bl-Artikolu 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-fatt id-**Direttiva 2006/24** tinsab implimentata fil-ligi Maltija fit-Taqsima II ("Zamma ta' Data") tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja**

**440.01)** li timponi obligazzjoni generali fuq operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni ghaz-zamma ta' data (kif definita fl-istess Regolamenti) ta' kull persuna li tuza s-servizz taghhom, kif ukoll obbligu li jizvelaw tali data lill-Pulizija jew lis-Servizzi tas-Sigurtà fuq talba taghhom.

Permezz ta' sentenza moghtija fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-Onorabbli Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja) fil-kawzi maghquda bin-numri C-293/12 u C-594/12, fl-ismijiet ***Digital Rights Ireland Ltd vs. Minister for Communications, Marine and Natural Resources et*** u fl-ismijiet ***Kärntner Landesregierung, Michael Seitlinger, Christof Tschohl et***, iddecidiet illi d-**Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE**, hija invalida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Kopja tas-sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A.

A bazi tat-**Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TEU") u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFEU")**, b'mod paritkolari, l-Artikolu 263 TFEU u l-Artikolu 267 TFEU il-Qorti tal-Gustizza tal-Unjoni Ewopea ghandha kompetenza li taghti sentenzi dwar il-validità tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni Ewropea, u tali sentenzi ghandu jkollhom effett f'Malta bhala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif fil-fatt jirrizulta ukoll mill-Artikolu 5(1) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, in vista tas-sentenza fuq imsemmija tat-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-kawzi maghquda bin-numri C-293/12u C-594/12, billi l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** gew maghmula sabiex tigi implimentata f'Malta d-**Direttiva 2006/24**, din il-legislazzjoni sussidjarja hija wkoll invalida, nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Fil-fatt anki l-Qrati Kostituzzjonali ta' Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropea digà ddikjaraw illi l-legislazzjoni nazzjonali taghhom li timplimenta d-Direttiva hija nulla u bla effett, kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-legislazzjoni fuq imsemmija, ossia l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** tikser id-dritt fundamentali ghar-rispett tal-hajja privata u tad-drittijiet l-ohra stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("KEDB"), id-dritt fundamentali ghall-protezzjoni tad-data ta' natura personali stabbilit fl-Artikolu 8 tal-KEDB, id-dritt fundamentali tal-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tircievi jew taghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri protett mill-Artikolu 11 tal-KEDB, u tikser ukoll l-Artikolu 52(1) tal-KEDB.

Il-legislazzjoni fuq imsemmija tikser ukoll l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-legislazzjoni fuq imsemmija tikser ukoll ir-rekwiziti tal-Artikolu 15 tad-**Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipprocessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009** ("**Direttiva 2002/58**" maghrufa bhala "E-Privacy Directive"), kif ukoll legislazzjoni ohra tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipprocessar ta' data personali.

Bil-legislazzjoni sussidjarja fuq imsemmija l-Istat Malti kiser ghalhekk il-garanziji kostituzzjonali u d-drittijiet moghtija lil persuni f'Malta permezz tat-Trattati u l-legislazzjoni fuq imsemmija.

A bazi tat-Trattati fuq imsemmija, kif interpretati wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe legislazzjoni nazzjonali Maltija illi tikser il-ligi tal-Unjoni Ewropea hija minghajr effett u mhux enforzabbli.

Anki l-Artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi kull disposizzjoni ta' ligi li tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn jew tkun inkompatibbli ma' xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi enforzata.

Ghalhekk l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** huma wkoll invalidi, nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi billi jiksru l-provvedimenti tal-ligi fuq imsemmija inkluz l-Artikoli 7, 8, 11 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-legislazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data inkluz d-Direttiva 2002/58/KE partikolarment ir-rekwiziti tal-Artikolu 15 tal-istess direttiva.

Il-legislazzjoni sussidjarja fuq imsemmija tikser ukoll l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant kull zamma ta' data mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet ta' tali data u uzu ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entità ohra hija llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghalhekk kwalunkwe data migbura bis-sahha tal-legislazzjoni sussidjarja fuq imsemmija anqas ma tista' tigi uzata fi proceduri kriminali billi hija migbura illegalment u bi ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti permezz tal-legislazzjoni kollha fuq imsemmija.

L-uzu ta' tali data fi proceduri gudizzjarji jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Jirrizulta mill-atti tal-Inkjesta Dwar Spluzjoni fuq Vettura gewwa Bidnija Road, Mosta, fejn mietet persuna riekba fl-istess Vettura nhar is-16 ta' Ottubru 2017, inkluz izda mhux limitatament, mid-digrieti tal-Magistrat Inkwirenti, illi ngabret data illi kienet mizmuma minn operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni bis-sahha tal-ligi sussidjarja fuq imsemmija tant illi anki permezz ta' rikors tas-17 ta' Ottubru 2017 l-espert tekniku Dr. Martin Bajada talab espressament tali data mill-operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet moghti fl-istess data. Jirrizulta wkoll minn digriet iehor tal-Magistrat Inkwerenti tad-19 ta' Ottubru 2017 illi access ghal tali data inghata wkoll lill-Federal Bureau of Investigation (FBI) tal-Istati Uniti li hija entità barra mill-Unjoni Ewropea, u permezz ta' digrieti sussegwenti inkluz dawk tal-20 ta' Ottubru 2017, tat-2 ta' Novembru 2017, tas-6 ta' Novembru 2017, tas-7 ta' Novembru 2017 u tal-15 ta' Novembru 2017 baqghet tingabar tali data mill-operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni u l-istess operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni gew ordnati jirrilaxxjaw id-data minnhom migbura bis-sahha tal-legislazzjoni fuq imsemmija, liema legislazzjoni hija illegali ghar-ragunijiet kollha suesposti.

Nhar il-5 ta' Dicembru 2017 l-esponenti, flimkien ma' huh George Degiorgio u certu Vincent Muscat, gie mressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'diversi akkuzi, fost liema, talli f'dawn il-gzejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolozament bil-hsieb illi joqtol lill-persuna u cioè lil Daphne Caruana Galizia jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Matul il-proceduri msemmija fil-paragrafu precedenti fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et*" il-Prosekuzzjoni ressqet, qed tressaq u bi hsiebha tkompli

tressaq provi migbura illegalment bis-sahha tal-legislazzjoni fuq imsemmija.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)**, in kwantu jimplimentaw d-**Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE** huma invalidi, nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** jiksru l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artiklu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l- **Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** jiksru l-provvedimenti tal-Artikolu 15 tad-**Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipprocessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-**

**Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 ("Direttiva 2002/58"** maghrufa bhala "*E-Privacy Directive*"), kif ukoll legislazzjoni ohra tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipprocessar ta' data personali.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l- **Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** jiksru l-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali, u d-drittijiet moghtija lil persuni f'Malta permezz tat-Trattati u l-legislazzjoni fuq imsemmija, kif ukoll l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

5. Tiddikjara ghalhekk illi l- **Avviz Legali 198 tal-2008** u t-Taqsima II tar-**Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01)** huma invalidi, nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi kull data mizmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet kompetenti u uzu ta' tali data hija llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

7. Tiddikjara u tiddeciedi, ghalhekk, illi kull data migbura mill-operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni skond il-legislazzjoni fuq imsemmija u migbura fl-Inkjesta dwar Spluzjoni fuq Vettura gewwa Bidnija Road, Mosta, fejn mietet persuna riekba fl-istess vettura bhar is-16 ta' Ottubru 2017 giet migbura illegalment u ghalhekk ma ghandha tintuza bl-ebda mod fil-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et*" u fi kwalunkwe procedura ohra kontra r-rikorrenti.

8. Tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi l-uzu ta' tali data fi proceduri gudizzjarji li jinvolvu r-rikorrent jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6

tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

9. Taghti wkoll dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, u taghti dawk id-direttivi kollha necessarji sabiex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija illi *"l-Avviz Legali 198 ta' l-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01) huma ukoll invalidi, nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi billi jiksru l-provvedimenti tal-ligi fuq imsemmija inkluz l-Artikoli 7, 8, 11 u 52 (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea maghmula parti mill-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-legislazzjoni Ewropeja dwar il-protezzjoni tad-data inkluz d-Direttiva 2002/58/KE partikolarment ir-rekwiziti tal-Artikolu 15 tal-istess direttiva".* Ir-rikorrenti jallega wkoll li l-Avviz Legali jmur kontra l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni u li l-uzu ta' data fi proceduri gudizzjarji jikser il-garanziji ta' smigh xieraq sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. In linea preliminari, il-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-

Ligijiet ta' Malta) u ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrenti ghadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni, l-esponenti jecepixxu formalment l-intempestività ta' dina l-azzjoni. Illi gialadarba parti mill-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fuq allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jirrilevaw illi sabiex ikun jista' jigi determinat jekk ir-rikorrenti garrabx ksur ta' dawn l-artikoli, irid jigi ezaminat il-process kriminali kollu fit-totalità tieghu;

3. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghad ghandu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. Illi l-ammissibilità ta' xhieda u dokumenti fi proceduri kriminali taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Qrati penali u dan skont il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandu l-possibilità li jqajjem l-oggezzjoni tieghu ghall-uzu tad-data quddiem il-qrati kriminali ordinarji u huma dawk il-qrati li ghandhom il-kompitu li jiddeciedu tali kwistjonijiet. Illi dan ir-rimedju huwa disponibbli ghall-istess rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali fejn f'kaz li jinhareg l-Att tal-Akkuza u tissemma' l-evidenza li minnha qieghed jillanja r-rikorrenti, l-istess rikorrenti jkun jista' jqajjem eccezzjoni preliminari sabiex jattakka l-ammissibbilità ta' tali evidenza. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai termini tal-proviso

ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jirrileva li r-rikorrenti qieghed jabbuza mill-procedura kostituzzjonali u dan stante li fetah numru ta' kawzi fuq l-istess haga (s'issa gew intavolati erba' kawzi kostituzzjonali fejn fi tlieta minnhom talab il-hrug ta' mizura provvizorja) u cioè l-gbir ta' data informatika minn telefonija cellulari u dan billi qieghed juza ottika differenti izda fejn meta taghsar x'qieghed jitlob jidher li qieghed imexxi lejn l-istess ezitu u cioè li ma jixhed hadd u ma tintuza l-ebda data li ngabret in konfront tieghu. Illi dak li qieghed jittenta jaghmel ir-rikorrenti mhu xejn hlief *forum shopping* fejn qieghed jirriproponi kawzi simili quddiem gudikanti differenti sabiex jittenta jikseb ezitu favorevoli ghalih sabiex la l-esperti ma jiddeponu u lanqas id-data per se ma tintuza. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeplora l-agir tar-rikorrenti u dan stante li l-lanjanzi tar-rikorrenti relattivi ghall-istess kumpilazzjoni kellhom jingiebu f'azzjoni kostituzzjonali wahda u mhux f'multiplicità ta' azzjonijiet kostituzzjonali. Illi l-agir tar-rikorrenti jikser b'mod lampanti l-principju regolatur tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

5. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabilità tal-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni liema artikolu ma jaghti l-ebda dritt ta' azzjoni izda jiddelinea l-principju generali tal-poter legislattiv li vestit fil-Parlament;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qieghed jallega li l-Avviz Legali 198 tal-2008 jikser l-Artikoli 7, 8, 11 u 52 (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u dan billi jistrieh b'ghajnejh maghluqa fuq is-sentenza tat-8 ta' April 2014 tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja fil-kawzi C-293/12 u C-594/12. L-esponenti jibda biex jissottometti li t-thassir tad-Direttiva numru 2006/24 mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja ma gabitx maghha t-thassir awtomatiku ta' legislazzjoni domestika li

implimentat tali Direttiva u lanqas il-fatt (kif allegat mir-rikorrenti) li kien hemm Stati Membri tal-Unjoni Ewropja li ddecidew li jhassru l-ligi domestika taghhom wara l-pronunzjament ta' dina d-decizjoni ma ggib maghha l-konsegwenza awtomatika li l-Istati Membri ohra ghandhom ihassru l-ligi taghhom jew li tali ligi hija invalida b'mod awtomatiku;

7. Illi wiehed irid izomm f'mohhu li direttivi tal-Unjoni Ewropeja b'differenza ghal regolamenti mhumiex applikabbli direttament u dan abbazi tal-Artikolu 288 tat-Trattat tal-dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja li jipprovdi senjatament illi " *A directive shall be binding, as to the result to be achieved, upon each Member State to which it is addressed, **but shall leave to the national authorities the choice of form and methods.*** " (emfazi tal-esponenti). Illi gialadarba direttivi tal-Unjoni Ewropeja jehtiegu l-intervent nazzjonali sabiex jigu implimentati, liema direttivi, jaghtu wkoll dik il-flessibilità lill-Istati Membri sabiex jaghmlu t-trasposizzjoni tad-direttiva fil-ligi nazzjonali jfisser li t-thassir ta' direttiva mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja ma ggibx maghha l-konsegwenza ta' thassir tal-ligi nazzjonali li tkun ittrasponiet tali direttiva. Dan kollu jrid jigi nkwadrat fis-sens illi Stati Membri huma obbligati li jitrasponu direttivi tal-Unjoni Ewropeja sabiex jissodisfaw l-obbligi internazzjonali assunti minnhom, u jekk ma jaghmlux dan jesponu ruhhom ghall-proceduri istitwiti mill-Kummissjoni Ewropeja. Madankollu l-Istati Memri ma ghandhom l-ebda obbligu li jhassru l-ligi nazzjonali taghhom f'kaz li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja thassar direttiva u hija l-prerogattiva tal-Istat Membru jekk ihassarx l-ligi nazzjonali tieghu jew li jintroduci xi emendi lill-ligi nazzjonali f'tali kazijiet. Illi kienet tkun differenti s-sitwazzjoni li kieku l-mizuri li thasret mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja kienet regolament u dan stante li tali thassir kien ikun vinkolanti fuq l-Istati Membri peress li l-istess regolamenti fin-natura taghhom huma direttament applikabbli;

8. Illi jekk jigi ezaminat dak li effettivament iddecidiet il-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja johrog bic-car li dik il-Qorti ma kkundannatx b'mod kategoriku r-ritenzjoni tad-data minn telefonija cellulari, izda dak li sabet kien biss sproporzjon ta' certu disposizzjonijiet tad-Direttiva. Illi notevolment il-Qorti irritentiet illi "*the fight against international terrorism in order to maintain international peace and security constitutes an objective of general interest. The same is true of the fight against serious crime in order to ensure public security… It must therefore be held that* ***the retention of data for the purpose of allowing the competent national authorities to have possible access to those data, as required by Directive 2006/24, genuinely satisfies an objective of general interest****.*"[1]Illi il-Qorti stabbiliet ukoll illi "*As regards the question of whether the retention of data is appropriate for attaining the objective pursued by Directive 2006/24, it must be held that, having regard to the growing importance of means of electronic communication,* ***data which must be retained pursuant to that directive allow the national authorities which are competent for criminal prosecutions to have additional opportunities to shed light on serious crime and, in this respect, they are therefore a valuable tool for criminal investigations.*** *Consequently, the retention of such data may be considered to be appropriate for attaining the objective pursued by that directive.*"[2] (Emfasi tal-esponenti);

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa manifest li l-fattispecie tal-kawza odjerna jinkwadraw ruhhhom perfettament fix-xenarji li gew identifikati mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja fis-sentenza taghha fejn ghamlitha cara li f'tali kazijiet, u cioè f'kazijiet li jinvolvu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ***reati serji,*** ir-ritenzjoni tad-data minn telefonija cellulari hija

[1] Ara is-Sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawzi C-293/12 u C-594/12 *Digital Raights Ireland*, paragrafi 42 sa 44.
[2] Ibid, para. 49

permissibbli u dan sakemm id-data tirreferi ghall-perjodu taz-zmien partikolari marbut maz-zmien meta r-reat gie kommess u liema data tirrigwarda l-persuni li kienu involuti b'xi mod fil-perpetrazzjoni tar-reat li fin-natura tieghu jikkwalifika bhala reat serju. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti Ewropea ghamlitha cara illi ir-ritenzjoni tad-data minn telefonija cellulari kienet tkun sproporzjonata biss li kieku kienet tikkoncerna persuni "*for whom there is no evidence capable of suggesting that their conduct might have a link, even an indirect or remote one, with serious crime*", u li kieku l-obbligu tar-ritenzjoni "*is not restricted to a retention in relation (i) to data pertaining to a particular time period and/or a particular geographical zone and/or to a circle of particular persons likely to be involved, in one way or another, in a serious crime, or (ii) to persons who could, for other reasons, contribute, by the retention of their data, to the prevention, detection or prosecution of serious offences*";[3]

10. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrent ma jistax jargumenta li l-Avviz Legali 198 tal-2008 jikser id-dritt ghall-protezzjoni tal-privatezza u l-hajja familjari kif protett permezz tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet jew ghall-protezzjoni tad-data kif protett permezz tal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet u dan stante li r-ritenzjoni tad-data telefonika fic-cirkostanzi partoklari tal-kaz odjern hija tassew <u>gustifikata, necessarja u proporzjonata</u> mal-iskop li ghalih qieghdha tinzamm u cioè l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reat serju u cioè l-qtil ta' persuna;

11. Illi jidher ukoll li fl-azzjoni odjerna r-riferenza ghall-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet hija totalment irrilevanti u dan stante li dan l-artikolu jitratta l-liberta' tal-espressjoni u anke minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja jidher li l-ezami li sar minn dik il-Qorti kien cirkoskritt ghall-analizi tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Illi ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara l-inapplikabilità

[3] Ibid, paragrafi 58 – 59.

tal-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet ghall-vertenza odjerna. Illi l-istess jindhad dwar l-Aritkolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet;

12. Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jallega wkoll vjolazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/EC izda jhalli dina l-allegazzjoni vaga u ma jfissirx kif u taht liema cirkostanzi allegatament dan il-provvediment huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu;

13. Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx ghall-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f'socjeta' demokratika. Illi kif intwera ampjament f'din ir-risposta, l-interferenza li minnha qieghed jillamenta r-rikorrenti hija koperta bl-Avviz Legali 198 tal-2008 u li r-ritenzjoni tad-data kienet wahda necessarja stante li l-iskop warajha huwa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji bhal dak odjern li jinvolvi l-hasda tal-hajja ta' persuna;

14. Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta naxxenti mill-uzu tad-data, l-esponenti jissottomettu li dawn iz-zewg artikoli jiggarantixxu process gjust u smigh xieraq fil-kuntest ta' garanziji procedurali. Madankollu dawn l-artikoli ma jigarantixxu l-ebda dritt li persuna toggezzjona ghall-produzzjoni ta' prova partikolari izda jiggarantixxu l-jedd li persuna jkollha l-opportunità li tiddefendi lilha nfisha fi proceduri li jingiebu kontra taghha jew li hija ggib kontra haddiehor; li tkun assistita fil-proceduri; li tithalla tipproduci l-provi in sostenn tat-tezi taghha; li tigi trattata b'mod ugwali; u li taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Aktar minn hekk, id-dritt ghal smigh xieraq ma jiggarantix li s-sentenzi moghtija minn Qrati jkunu

korretti izda jigarantixxi biss il-protezzjonijiet procedurali necessarji sabiex parti f' kawza ssemma' lehinha u tinghata process gjust quddiem Qrati imparzjali u indipendenti.

Illi gialadarba li dak li qieghed jilmenta minnhu r-rikorrenti huwa effettivament ammissibilità ta' prova u cioe' l-uzu ta' data, l-esponenti jissottomettu li dina l-kwistjoni tohrog il-barra mill-garanziji ta' smigh xieraq u dan stante li tirreferi ghas-sustanza tal-procedura kriminali u mhux limitata ghall-kwistjoni ta' process gust.

15. Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda.

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

17. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawża Peter Caruana Galizia, Paul Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia li permezz tagħha eċċepew illi:

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Preliminarjament, l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tistharreg il-lanjanzi u talbiet tar-rikorreent taht l-Artikoli 7, 8, 11 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u that l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan stante li l-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti hija cirkoskritta mill-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk it-tieni talba u r-raba' talba, fejn dawn jirrigwardaw l-Artikoli hawn imsemmija, ghandhom jigu michuda.

Preliminarjament ukoll jigi eccepit illi fi kwalunkwe kaz, il-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea, m'hijiex enforzabbli minn din il-Qorti, stante li l-istess Karta hija applikabbli biss lill-istituzzjonijiet Ewropej, u lill-istituzzjonijiet nazzjonali biss meta dawn ikunu qed japplikaw ligi Ewropea. Din

il-Qorti m'hijiex adita sabiex tenforza ligi Ewropea u ghalhekk it-tieni talba, fejn din tirrigwarda talbiet imsejsin fuq l-istess Karta hija infondata fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Jigi eccepit preliminarjament ukoll illi bl-istess mod, ma jistghax jigi invokat ksur tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002 "kif ukoll legislazzjoni ohra tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-iprocessar ta' data personali" affarijiet li – apparti l-fatt li huma vagi ghall-ahhar - jaqghu kompletament lil hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti u dan apparti l-fatt illi huwa inkoncepibbli li wiehed jinvoka Direttiva tal-Parlament Ewropew fil-Qorti, stante li Direttiva mhijiex enforzabbli jew applikabbli direttament, izda ghandha tigi trasposta sabiex tigi applikata.  Ghalhekk, se mai, li kellha tigi invokata hija l-ligi Maltija li biha d-Direttiva invokata saret parti mil-ligi Maltija. Ghaldaqstant it-tielet talba ghandha wkoll tigi michuda.  L-esponenti però jirriservaw illi jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri meta (jekk?) "il-legislazzjoni ohra" tigi iddentifikata mir-rikorrent.

Jigi eccepit ukoll illi din il-Qorti ma tista' tiddikkjara ebda ligi invalida, nulla u bla effett jekk mhux abbazi tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hekk skont l-Artikolu 3 tal-L.N. 12.09, kif ukoll skont l-Artikolu 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, kif hawn fuq imsemmija.  Ghalhekk l-ewwel talba u l-hames talba (li incidentalment huma identici) ghandhom ukoll jigu michuda.

Minghajr pregudizzju ghal dan, jigi eccepit preliminarjament ukoll illi anke li kieku huwa minnu (li l-esponenti jopponu bil-qawwa) li r-rikorrent garrab xi lezjoni tad-dritt tieghu ghar-rispett lejn il-privatezza tieghu, dan qatt ma jista' jwassal sabiex l-informazzjoni migbura fir-rigward tieghu ma tigix uzata f'proceduri kriminali kontra tieghu, u dan ghaliex huwa principju ben stabbilit u maghruf fil-gurisprudenza nostrana li kwalunkwe evidenza hija ammissibbli, tkunx ottjenuta legalment jew le u dan skont l-Artikolu 349 tal-Kodici Kriminali u kif ser jigi muri ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.  Ghalhekk is-sitt u t-tmien talba ghandhom ukoll jigu michuda.

Jigi eccepit bla pregudizzju ghal dak suespost illi s-sitt, it-tmien u d-disa' talba tar-rikorrent, fejn huwa talab illi l-informazzjoni migbura fl-atti tal-inkjesta magisterjali minghand l-operaturi tas-servizzi tal-kommunikazzjoni ma tintuzax fil-proceduri kontra tieghu, huma intempestivi stante li, anke li kieku jigi stabbilit illi r-rikorrent garrab xi lezjoni tad-dritt ghal privatezza tieghu, huwa ghad ghandu rimedju ordinarju meta (jekk?) tohrog l-Att tal-Akkuza. U dan fl-istadju tal-eccezzjonijiet tieghu – liema eccezzjonijiet dejjem jinkludu sottomissjonijiet fuq l-ammissibbiltà o meno tal-prova migjuba kontra l-imputat fil-kumpilazzjoni. Ghalhekk dawn it-talbiet ghandhom ukoll jigu michuda.

In oltre, u bla pregudizzju ghal dak suespost, jigi eccepit illi ma huwiex kompitu ta' Qorti ta' indoli kostituzzjonali li tistharreg l-ammissibbilità o meno ta' prova fil-konfront ta' bniedem li jkun ghaddej proceduri kriminali u dan stante li qrati ta' natura kostituzzjonali ma humiex qrati tal-appell moghtija s-setghat illi jiddisturbaw id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha tal-ammissibbilitá tal-prova. Ghalhekk, anke li kieku r-rikorrent kien diga ilmenta quddiem il-Qorti Kriminali fuq l-ammissibbiltà tal-prova kontra tieghu, xorta wahda m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tistharreg id-decizjoni tal-Qorti Kriminali.

Jigi eccepit ukoll illi t-talbiet tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta' invalidità u nullità tal-L.N. 198 tal-2008 u S.L. 440.01 huma insostenibbli stante li llum il-gurnata dawn il-ligijiet m'ghadhomx vigenti, u b'hekk it-talbiet tar-rikorrent huma ezawriti.

Fuq dan il-punt jigi eccepit ukoll illi s-sentenza citata mir-rikorrent u d-Direttiva llum invalida huma t-tnejn llum il-gurnata irrelevanti stante l-promulgazzjoni ta' Ligijiet tal-Unjoni Ewropea sussegwenti kif ukoll stante l-promulgazzjoni ta' Ligijiet nazzjonali sussegwenti, ma' liema ligijiet il-gbir tad-data lmentata kienet u hija perfettament in konformita' u dan kif ser jigi muri fit-trattazzjoni tal-kawza.

**Eccezzjonijiet Fil-Mertu**

Fil-mertu jigi eccepit illi r-rikorrent qieghed jsejjes l-argumenti tieghu fuq prezunzjoni zbaljata u dan stante li ma hemm ebda indikazzjoni la fir-rikorsi fejn intalbet l-informazzjoni in kwistjoni u anqas fid-digrieti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li tali informazzjoni ingabret abbazi tal-ligi minnu lmentata; jidher, a kuntrarju, li l-informazzjoni dejjem ingabret skont il-poteri wiesgha moghtija lill-Magistrat Inkwerenti taht l-Artikoli 546 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jigi eccepit ukoll illi, anke li kieku l-informazzjoni giet migbura taht id-disposizzjonijiet tal-L.N. 198 tal-2008 u S.L. 440.01 (haga li l-esponenti jopponu bil-qawwa), il-fatt illi l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea anullat id-Direttiva li fuqha kienet ibbazata l-ligi in kwistjoni ma jfissirx illi l-ligi li biha l-istess Direttiva giet trasposta hija awtomatikament nulla – li jfisser biss huwa **i)** li wara dik is-sentenza ma kienx ghad hemm "harmonisation" madwar l-Unjoni Ewropea fil-ligiijiet dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika bl-ghan li tiggarantixxi d-disponibbiltà ta' din id-data ghall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' ricerka, ta' identifikazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati u **ii)** li wara dik is-sentenza ma kienx ghad hemm obligazzjoni fuq l-iStati Membri sabiex jimplimentaw regoli fuq dan is-suggett. Kienet imbaghad il-prerogattiva tal-iStati Membri li jirregolaw din l-isfera, inkluz, biz-zamm fis-sehh ta' kwalunkwe regoli li kienu diga implementaw (fil-kaz ta' Malta, L.N 198 tal-2008 u S.L. 440.01).

Fil-fatt, jekk huwa stabbilit minn din il-Qorti li d-data li ngabret, ngabret taht il-ligi lmentata mir-rikorrent, li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti ai fini ta' stharrig jekk r-rikorrent garrabx lezjoni tad-drittijiet tieghu protetti mill-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (ghax dawk huma l-unici Artikoli indikati mir-rikorrent li fuqhom din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni) mhuwiex arbitrarjament li dik il-ligi giet ibbazata fuq Direttiva li giet iddikjarata invalida, izda l-Qorti ghandha tara jekk il-ligi in kwistjoni thares il-principji li johorgu mis-sentenza in kwistjoni (C-293/12 & C-594/12), kif ukoll dawk il-principji tal-ligi Ewropea li ghaddiet wara l-istess sentenza, u dan sabiex

tara, fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, jekk id-dritt ghall-privatezza tar-rikorrent giex lez bil-gbir ta' informazzjoni telefonika li sehhet matul l-inkjesta magisterjali fuq awtorizzazzjoni tal-Qorti in segwitu ta' talbiet specifici mill-esperti minnha mahtura; u konsegwentament u jekk it-twegiba hija fl-affermattiv, jekk id-dritt ghal smiegh xieraq jistghax jigi lez bl-uzu tal-istess informazzjoni fil-kumpilazzjoni u possibbilment fi stadji ulterjuri tal-kaz.

B'hekk bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, jigi eccepit illi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni mhuwiex dritt assolut u fil-fatt il-Konvenzjoni innifisha taghti l-eccezzjonijiet ghal dan id-dritt fit-tieni sub-artikolu tieghu, liema eccezzjonijiet jinkludu meta l-interferenza f'dan id-dritt huwa legali u necessarju f'pajjiz demokratiku u cioè jekk huwa proporzjonali ghall-ghan li ghalih tkun saret l-interferenza. Jigi sottomess illi l-gbir u l-uzu fil-prosekuzzjoni, tad-data telefonika specifika fi hdan investigazzjoni tal-qtil brutali tal-mara u omm l-esponenti, kien legali u jiggustifika kwalunkwe interferenza li r-rikorrent jista' possibbilment jilmenta biha.

Billi din l-Qorti m'ghandhiex issib vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u m'ghandiex anqas issib vjolazzjoni ta' ebda ligi, jew Direttiva ohra, ghaliex m'huwiex il-kompitu taghha, dan ifisser illi ma tistghax anqas issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti, salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat li l-partijiet ma ressqux noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jattakka it-Tieni Taqsima – Żamma ta' Data tar-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-

Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 586.01). Ir-rikorrent jgħid illi l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti sabiex inġabret data mill-operaturi ta' servizzi ta' komunikazzjoni fl-'Inkjesta Dwar Spluzjoni fuq Vettura Ġewwa Bidnija Road, Mosta, fejn Mietet Persuna Riekba fl-istess Vettura fis-16 ta' Ottubru 2017' hija illegali u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 7, 8, 11 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Jirrizulta illi fis-16 ta' Ottubru 2017 infetħet Inkjesta Maġisterjali 'Dwar Splużjoni fuq Vettura Ġewwa Bidnija Road, Mosta, fejn Mietet Persuna Riekba fl-istess Vettura.' Fl-atti ta' dik l-inkjesta nġabret data miżmuma minn operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni abbażi tal-imsemmija Regolamenti kif emendati permezz tal-Avviż Legali 198 tal-2008.

Fil-5 ta' Diċembru 2017 ir-rikorrenti u oħrajn tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u akkużati fost affarijiet oħra bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Waqt il-kumpilazzjoni tal-provi fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) vs George Degiorgio et, il-Prosekuzzjoni ressqet provi miġbura bis-saħħa ta' dawk ir-Regolamenti.

It-Tieni Taqsima - Żamma ta' Data tar-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, liema taqsima daħlet fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 198 tal-2008, hija effettivament l-implimentazzjoni fil-liġi tagħna tad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, magħrufa aħjar bħala *Data Retention Directive*.

Ġara li permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' April 2014, fil-kawża **Digital Rights Ireland v Minister for Communications, Marine and Natural Resources**, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, wara li qieset it-talba magħmula lilha għal

deċiżjoni preliminari dwar il-validità tad-Direttiva 2006/24/KE, ikkonludiet illi din id-Direttiva hija fil-fatt invalida għaliex tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità fid-dawl tal-artikoli 7, 8 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, tal-protezzjoni tad-data personali u li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet.

Wara li ngħatat din is-sentenza, ir-Regolamenti in kwistjoni baqgħu fis-seħħ kif kienu, kif fil-fatt ġara f'diversi pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent jargumenta li ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabet illi d-Direttiva 2006/24/KE hija invalida għaliex leżiva tad-drittijiet fundamentali, mela r-Regolamenti li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 198 tat-2008 huma leżivi wkoll stante li huma l-implimentazzjoni tad-Direttiva u għalhekk kwalunkwe data miġbura bis-saħħa ta' din il-liġi hija illegali u ma tistax tiġi użata fil-proċedura kriminali kontra r-rikorrent. Huwa jallega wkoll illi l-użu ta' din id-data fil-proċeduri kriminali jikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

Jirriżulta li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent, flimkien ma' ħuħ George Degiorgio u Vincent Muscat, tqiegħdu taħt l-Att ta' Akkuża 7 tal-2019. L-akkużati ressqu diversi eċċezzjonijiet li ġew miċħuda mill-Qorti Kriminali permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2020. Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Settembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi laqgħet numru ta' eċċezzjonijiet u ordnat l-isfilz ta' parti mix-xhieda tal-Ispetter Keith Arnaud indikati f'dawk l-eċċezzjonijiet u kkonfermat il-bqija tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Mis-sentenza tal-Qorti Kriminali jirriżulta li r-rikorrent fil-fatt ressaq numru ta' eċċezzjonijiet quddiem dik il-Qorti fejn essenzjalment kien qiegħed jgħid illi l-Qorti għandha tordna:

> *"L-isfilz ta' dik il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Arnaud fejn huwa jitkellem dwar l-informazzjoni miksuba minghand is-socjetà Vodafone fejn din tal-ahhar intalbet taghmel decoding ta' smses billi din il-prova giet miksuba illegalment, kif allura hija inammissibli ghall-istess mottiv fejn dawn ix-*

*xhieda indikaw lill-investigaturi f'hiex kien jikkonsisti dan il-messagg li attiva il-bomba. Bl-istess mod l-akkuzati jitolbu l-isfilz u tnehhija ta' kull referenza ghall-allegat sms #REL1 =ON mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' l-esperti Richard Fennern u William Schute (Eccezzjoni numru 9, 50, 105 u 106)."*

Il-Qorti Kriminali qieset li r-rikorrent, flimkien ma ħuħ l-akkużat George Degiorgio, kienu qed joġġezzjaw għal:

> "*prova li temergi minn informazzjoni moghtija mill-provdituri tas-servizz u dan bis-sahha ta' l-Avviz Legali 198 ta' l-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti Dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01) li bis-sahha ta' l-istess giet implimentata fil-ligi taghna d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE.*
>
> *Jishqu illi din id-Direttiva giet dikjarata invalida ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi b'sentenza moghtija nhar it-8 ta' April 2014 mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja fl-ismijiet Digital Rights Ireland Ltd. v Minister for Communications Marine And Natural Resources."*

Madanakollu, il-Qorti Kriminali kompliet billi kkunsidrat illi din id-deċiżjoni ma kienitx l-uniku waħda in materja u għaddiet sabiex qieset dak li qalet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'deċiżjonijiet sussegwenti kif ukoll dwar l-import tad-Direttiva 2006/24/KE u d-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza.

Fid dawl ta' dan kollu, il-Qorti Kriminali ikkonkludiet kif ġej:

> "*Illi allura imfassal dan il-qafas legislattiv dwar l-interpretazzjoni tal-ligi komunitarja kif implimentata fil-legislazzjoni nazzjonali, ghalkemm l-Legislazzjoni*

*Sussidjarja 586.01 fid-definizzjoni taghha ta' reat gravi tindika dawk ir-reati li igorru piena ta' aktar minn sena prigunerija, li fil-fehma tal-Qorti ma hijiex in linja mal-fehma espressa mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja iccitata hawn fuq in extenso, madanakollu meta applikat ghal kaz in dizamina u li issa jinsab taht il-lenti tal-Qorti, ma jistax jinghad illi l-investigazzjoni tar-reat ta' omicidju ta' gurnalista investigattiva li kellha riperkussjonijiet serji fuq is-sigurta' nazzjonali fil-pajjiz, liema riperkussjonijiet inhassew kemm fuq bazi nazzjonali kif ukoll dak ewropew u internazzjonali, ma taqax fid-definizzjoni ta' proporzjonalità li l-ligi tfittex li thares bejn kif inghad min naha l-wahda il-harsien tas-sigurta nazzjonalità u l-prevenzjoni u investigazzjoni ta' reati gravi u minn naha l-ohra l-harsien tal-jedd tal-individwu ghar-rispett lejn il-hajja privata u tal-protezzjoni tad-data. Dan ifisser illi ghalkemm huwa minnu illi llum l-access b'mod indiskriminat ghad-data tal-utenti ta' servizz ta' telekomunikazzjoni anke sabiex tithares is-sigurta' nazzjonali ghandu jigi pprojbit billi huwa leziv tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif hawn fuq imfisser, madanakollu f'dan il-kaz ghandha tapplika dik id-deroga mahsuba fid-dritt ewropew applikabbli ghal investigazzjoni bhal dak in dizamina ta' reat kriminali gravi fejn l-akkuzati jinsabu mixlija mhux biss bir-reat ta' omicidju izda ukoll b'dak tal-kriminalità organizzata.*

*Dan ifisser illi l-akkuzati ma ghandhomx ragun fl-eccezzjonijiet minnhom ventilati marbuta mal-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li taghmel dwar l-intercettazzjoni tal-apparat cellulari u elettroniku li kien l-istrument li serva ghal kommissjoni tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, biex b'hekk meta jitpoggew fuq il-mizien tal-gustizzja l-interessi tal-privat u l-interessi tas-socjetà, il-mizien certament, f'dan il-kaz, ser ixaqleb favur il-harsien tal-bosta mill-kummissjoni ta' reat gravi bhalma hu dak li jinsab issa taht il-lenti tal-Qorti u li qajjem mhux biss ghagha nazzjonali izda ukoll internazzjonali.*

*Illi finalment jinghad illi l-informazzjoni kollha miksuba minn ghand il-provdituri tas-servizz ghalkemm kienet wahda wiesgha kienet giet awtorizzata mill-Magistrat Inkwirenti*

*permezz ta' diversi digrieti moghtija minnu u li jinsabu esebieti fil-proces verbal.*

*Il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkondividi l-fehma tad-difiza illi l-prova hija wahda inammissibbli ghax miksuba illegalment u cioè abbazi ta' ligi li giet iddikjarat invalida, billi l-interpretazzjoni kostanti moghtija ta' din il-ligi hija wahda li tippermetti ir-ritenzjoni ta' u l-access ghal data fil-kaz ta' twettiq ta' reat jew reati serji u gravi li jimminaw is-sigurta' nazzjonali bhal dawk li dwarhom l-akkuzati jinsabu mixlija. Fuq kollox ghalkemm l-Inkwirenti kien hatar diversi esperti tal-informatika b'nomina wiesgha, u dan meta l-investigazzjoni bdiet tiffoka fuq l-uzu ta' apparat cellulari bhala l-ghodda sabiex gie kommess id-delitt, jidher illi b'diversi digrieti dawn l-esperti gew awtorizzati jiksbu informazzjoni specifika sabiex b'hekk ma jistax jinghad li kien hemm dak l-access ġġeneralizzat, indiskriminat u mingħajr distinzjoni tad-data kollha dwar it-traffiku u tad-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-utenti rreġistrati fir-rigward tal-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika. Jinghad finalment illi kienu l-akkuzati Degiorgio stess li fil-kors tax-xiehda ta' Jason Pavia (rapprezentant Vodafone) in kontro-ezami, tallbuh jindika n-numru ta' utenti li qabbdu mac-cell towers li kienu ta' interess fl-investigazzjoni fil-hinijiet u d-dati li dwarhom saret din ir-ricerka b'mod indiskriminat. Jidher izda illi Pavia ma setax jaghti din l-informazzjoni ghaliex stqarr illi l-ipprocessar ta' din id-data ta' eluf ta' nies mhux marbuta mal-kaz ma setatx issir minn naha tal-kumpanija. Kif jistghu allura l-akkuzati fl-istess nifs jistqarru illi l-ligi li abbazi ta' l-istess setghet tinkiseb din l-informazzjoni hija illegali?*

*Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzjonijiet (numri 9, 50, 105 u 106) qed jigu michuda."*

Jirriżulta għaldaqstant illi l-ewwel Qorti effettivament eżaminat l-ilment tar-rikorrent b'osservazzjonijiet dettaljati u waslet għall-fehma illi sa fejn il-liġi nazzjonali tippermetti ż-żamma u l-użu ta' data li tkun konformi mad-deroga għal skopijiet ta' investigazzjoni u proċeduri kriminali dwar reati gravi, ma kien

hemm xejn illegali fiż-żamma tagħha mill-operaturi tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni u l-użu sussegwenti mill-pulizija.

Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset fir-rigward li:

*"F'dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-fehma murija mill-ewwel Qorti dwar l-effetti fuq il-ligi Maltija tas-sentenza tal-Q.G.U.E. f'"Digital Rights Ireland u s-sejbien tan-nullità tad-Direttiva msemmija. Madakollu, dan in-nuqqas ta' qbil m'ghandux jincidi b'mod rilevanti fuq kif l-ewwel Qorti iddisponiet mill-aggravji relattivi fis-sentenza appellata. Kemm hu hekk, din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet l-ohrajn maghmulin mill-ewwel Qorti dwar dawn l-aggravji ghaliex, bil-precizazzjonijiet u l-kawtela kollha preskritti, il-ligi Maltija li bis-sahha taghha nzammet id-data u nkiseb it-taghrif li minnu jilmentaw l-appellanti ghadha u tista' tithaddem. Sakemm l-ghanijiet ghaz-zamma u l-ksib tad-data jkunu dawk strettament mahsuba u mfissra fil-gurisprudenza msemmija mill-ewwel Qorti, ma jistax jinghad li l-ligi Maltija hija nulla jew minghajr effett, jew li t-thaddim taghha jgib ksur ta' xi jedd fundamentali tal-appellanti (ref: Tele2Sverige AB – QGUE 21.12.16 ss108; Secretary of State for the Home Department vs Watson 3t 21.12.16);*

*41. Ifisser ghalhekk illi id-Direttiva 2002/58/EC fil-forma originali taghha ma hi aflitta b'ebda sanzjoni ta' invalidità ghajr ghall-emendi introdotti fiha permezz tad-Direttiva 2006/24/EC. U l-istess effett allura jkaxkar fuq il-ligijiet domestici tal-Istati Membri.*

*...*

*43. Illi inoltre dan jorbot ma' dak osservat fis-sentenza Privacy International v Foreign Secretary C-623/17 tas-6 t'Ottubru 2020 tal-Qorti tal-Gustizzja u kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti meta ccitat dawk il-paragrafi relevanti ghad-definizzjoni tal-limitazzjonijiet tal-proporzjonalità li ghalihom jaghmel referenza l-artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/EC li mhux ser ikunu hawn riprodotti*

*a skans ta' ripetizzjoni (fol 29 sa 35 tas-sentenza tal-ewwel Qorti, fol 873 sa 876 tal-atti processwali). Kaz dan li l-pern tieghu huwa aktar dwar l-access ghal traffic and location data u t-trasmissjoni taghhom b'mod indiskriminat lill-forzi investigattivi. Issa, meta l-ewwel Qorti qieset dan kollu, inkluz allura l-gurisprudenza tal-qrati taghna fit-tfixxija ghat-tifsira tal-element ta' proporzjonalità, ikkonkludiet illi qua dak li huma akkuzati bih l-appellanti kien jaqa' fid-definizzjoni ta' reat gravi ravvizat fil-ligi domestika ghall-fini tal-bilanc, ossia proporzjonalità, bejn l-interess tal-privat u dak tas-socjetà;*

*44. Din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli f'din il-konkluzjoni u konsegwentement ma tistax tilqa' l-gravam imressaq mill-appellanti li bir-ragunament taghha stess l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni taghhom la darba id-Direttiva 2006/24/EC kienet dikjarata invalida mill-Qorti tal-Gustizzja. Dan ukoll ghaliex hija l-fehma ta' din il-Qorti illi wara d-decizjoni Digital Rights Ireland u bl-effetti kollha fuq il-ligijiet domestici, il-provditur tas-servizzi m'huwiex aktar obligat li jzomm data izda ma hemm xejn x'josta lill-istess milli jzomm dik l-istess data u li la darba l-access ghaliha sar biss u unikament b'ordni tal-Inkwirenti konsegwenza ta' decizjoni li evidentement tipprezumi wiehed ta' kalkolu bejn l-interess tal-privat u dak tas-socjetà fil-glieda kontra kriminalità organizzata u fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, allura ma hemm xejn illecitu f'dak l-access;*

*45. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun michuda;"*

Mis-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huwa ċar illi l-ilment li qiegħed iqajjem ir-rikorrent quddiem din il-Qorti diġà ġie trattat u deċiż minn dawk il-qrati.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li l-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.

Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

> *"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

Fil-fatt, l-intimati eċċepew in linea preliminari li din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni Ewropea stante li dak inhar illi sar ir-rikors ir-rikorrent kien għad għandu rimedji ordinarji disponibbli għalih sabiex jindirizza l-ilmenti tiegħu.

L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proviso relattiv jipprovdu l-istess iżda b'riferenza għad-drittijiet skont dik il-Konvenzjoni.

Dwar l-eċċezzjoni tan-non eżawriment ta' rimedji ordinarji, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta' April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*"(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalità, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

*(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fi proċeduri mibdija mir-rikorrenti odjern, fl-ismijiet Alfred Degiorgio vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, tas-16 ta' Diċembru 2019, irriteniet illi:

*"Il-liġi ma tridx li rikorrent ikollu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji taħt liġi ordinarja u minflok jipproponi kawża kostituzzjonali li fiha jilmenta li sofra leżjoni ta' drittijiet fundamentali. Il-liġi ordinarja hi biżżejjed u r-rikorrent għandu fl-ewwel lok jeżawrixxi r-rimedji li jkollu tat dik il-liġi."*

Hekk ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali, tas-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali kienet osservat li:

*"14. Din il-qorti tibda biex tgħid illi r-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l- istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali*

*jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed.*

*15. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament."*

Finalment, issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju 2006 fil-kawża fl-ismijiet Nardu Balzan Imqareb vs Reġistratur ta-Qrati tal-Ġustizzja, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġie insenjat hekk:

*"Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti jirriżultalha li l-intimati għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom in kwantu li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju sabiex jindirizza l-lanjanza tiegħu billi jressaqha quddiem il-Qorti Kriminali u filfatt, din il-lanjanza ġiet trattata u deċiża minn dik il-Qorti u sussegwentement id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Minn qari akkurat taż-żewġ sentenzi huwa ċar illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali eżaminaw bir-reqqa dan l-ilment u skartawh in kwantu li huwa infondat.

Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li din il-Qorti terġa tidħol fil-mertu tal-ilment tiegħu meta huwa diġà ressaq l-eċċezzjonijiet opportuni quddiem il-Qorti Kriminali.

Fuq kollox, huma l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li huma kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar l-ammissibilità tal-prova u dawk il-qrati, bħal kull qorti oħra, għandhom id-dmir li japplikaw u jinterpretaw il-liġi ordinarja b'mod li tkun konformi mad-drittijet fundamentali skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kif fil-fatt għamlu fil-każ taħt eżami.

Din il-Qorti ma tistax ħlief allura tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Kap. 319.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati billi jirriżulta li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li huwa fil-fatt utilizza.

Konsegwentement, teħles lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti b'dan illi l-intervenuti fil-kawża għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG